VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,629, 6 ta' Awwissu, 2010
Taqsima B

A.L. 387 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2010 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut f'kull qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri); jew

(d) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) mill-Fakultà tax-Xjenza, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) ; jew

(e) grad f'dixxiplina relatata max-xjenża tas-saħħa miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) ; jew

(f) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala ekwivalenti għall-kwalifiki msemmija f'paragrafi (a) sa (e) hawn fuq.

(2) L-applikanti li l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom kien miksub aktar minn għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors sakemm li jipprovdu prova suffiċjenti tal-kapaċità tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt. Il-Bord, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jeħtieġ lil dawn l-applikanti li jsegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

Il-Programm Preparatorju

5. (1) Il-programm preparatorju għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 kredtu u mhux aktar minn 60 kredtu.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju ta' studju b'marka medja ta' 55% jew aħjar, qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-Kors.

(3) Il-programmi preparatorji ta' studju huma suġġetti wkoll għar-Regolamenti Prinċipali.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

7. (1) Il-programm ta' studju għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu, li minnhom 10 kredtu huma assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 80 kredtu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. Il-valutazzjoni tat-taqsima/taqsimiet studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima/taqsimiet studju.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 40,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir f'kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta tar-riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tal-applikazzjoni.

10. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student li normalment ikun magħmul minn tliet membri kif ġej: il-Kap tad-Dipartiment bħala *Chairman*, jew delegat tiegħu/tagħha, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta l-Kap tad-Dipartiment ikun is-superviżur, dan ma jkunx jista' jippresiedi l-panil.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, kif jidhirlu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' mill-anqas darbtejn fis-sena biex jirrevedi dan il-progress.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jirrapportaw għand is-superviżuri tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk skont kemm il darba is-superviżur jidhirlu li jkun meħtieġ.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji s-superviżuri jkunu meħieġa li jibgħatu lill-Panil ta' Superviżjoni rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom ifittxu l-approvazzjoni ta' dan il-Panil għal kwalunkwe tibdil sostanzjali fit-titolu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni. Id-dissertazzjoni normalment m'għandhiex tkun sottomessa għall-eżami mingħajr l-approvazzjoni tas-superviżur.

(5) Il-Panil tas-superviżjoni għandu jinforma lill-Bord bil-miktub, minn żmien għal żmien, dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala meħtieġa minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.